# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) INFERJURI

## MAGISTRAT:
**DR ANTONIO MICALLEF TRIGONA LL.D. MAG. JUR (EU LAW)**

**Seduta ta’ nhar il-Hamis 10 ta’ Mejju 2001**

Avviz numru 60/00G2

Victoria Said

-vs-

Mark Attard

Il-Qorti;

Rat l-avviz ta’ l-attrici tal-11 ta’ Awissu 2000 fejn talbet li l-konvenut jigi kkundanant ihallasha d-danni hekk kif likwidati u minnha sofferti kawza ta’ incident awtomobilistiku illi sehh fil-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Frar 1999, ghall-habta tal-hamsa neqsin kwart ta’ wara nofsinhar (4.45pm) fi Vjal it-Tmienja ta’ Settembru, Xaghra, Ghawdex bejn il-vettura Mini Minor HAJ-789 proprjeta’ ta’ l-attrici u li fil-hin ta’ l-incident kienet misjuqa minnha u l-vettura Mitsubishi Lancer CBC-997 li fil-hin tal-incident kienet misjuqa mill-konvenut, ta’ liema incident l-konvenut kien unikament responsabbli minhabba sewqan traskurat u eccessiv u b’nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Bl-imghaixjiet u bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-28 ta’ April 1999 u tal-14 ta’ Gunju 2000 kontra l-konvenut. Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Semghet il-konvenut jopponi ghat-talba attrici.

Ezaminat l-atti u d-dokumenti kollha kompriza x-xhieda, l-affidavits li gew prodotti u n-noti ta’ osservazzjonijiet.

Rat il-verbali taghha.

Ikkunsidrat:

Dina l-kawza tittratta l-istess meritu ta' kawza fl-ismijiet inversi (Avviz numru 58/00) li wkoll tinsab differita ghas-sentrnza ghas-seduta tal-lum. L-osservazzjonijiet hawn kontenuti japplikaw ghalhekk ukoll fil-kawza l-ohra.

Il-meritu jittratta kollizzjoni li grat fil-25 ta' Frar 1999 fi Vjal Tmienja ta' Settembru, ix-Xaghra, Ghawdex bejn il-vettura numru ta' registrazzjoni CBC 997 proprjeta' ta' Louis Attard u misjuqa fil-hin ta' l-incident minn Mark Attard u l-vettura HAJ-789 ta' proprjeta' u misjuqa minn Victoria Said. Vjal Tmienja ta' Settembru hi triq dritta fuq ix-xellug tal-knisja Parrokjali u hi triq principali. Iz-zewg sewwieqa fil-hin ta' l-incident kienu qed jittransitaw din it-triq ghad-direzzjoni opposta mill-knisja. Jigifieri kienu fuq il-karregjata tax-xellug. Jinghad hawn li t-triq ghandha zewg karreggjati f'direzzjonijiet opposti ghal xulxin.

Is-sewwieqa ko-involti jaghtu versjonijiet differenti u jinkolpaw lill-parti l-ohra ghall-kollizjoni. Said issostni li kienet qeghdha issuq fid-direzzjoni tal-playing field, li hemm fl-istess triq u l-kollizjoni grat minhabba li Attard ittanta manuvra ta' sorpass u habat sbrixx mal-vettura taghha. Min-naha tieghu Attard isostni li Said kienet ipparkeggjata, ossija f'posizzjoni wieqfa, u kif appena qaghlet imblokkatlu triqtu.

Illi fid-dawl tal-provi u d-dokumenti din l-Qorti trid tiddeciedi liema versjoni hija l-aktar attendibbli u verosimili. Said stqarret li fil-mument tal-habta hi kienet gia harget mill-posizzjoni stazzjonarja u kienet fid-dritt. Qalet li l-incident gara 'l hemm mill-ispizerija fejn precedentement kienet waqfet fuq il-lemin ossia fuq in-naha opposta ghall-ispizerija. Stqarret wkoll li l-intenzjoni taghha kienet li tinzel il-Vjal, titla' Hamet u tghaddi minn Pjazza Sant'Anton ghal Triq il-Knisja biex tasal sa darha. Min-naha ta' Attard hu spjega d-dinamika ta' l-incident filli hu kien qieghed jittransita l-vjal u "f'hin minnhom sibt karozza daret fuq il-karozza tieghi ... ippruvajt niskapulha, ma kellix cans niskapulha, bdejt nigbed il-brake, dawwart l-steering u xorta hbatna". Stqarr li kien miexi b'velocita' normali. F'dan l-istadju l-Qorti ezaminat n-natura u l-konsistenza tal-hsara kif ukoll l-iskizz li z-zewg sewwieqa stqarru li jaqblu mieghu. Minn dan kollu u wara li kkonsidrat li l-hsara fiz-zewg vetturi hi konfacenti aktar mal-fatt ta' vettura li qaghlet minn posizzjoni stazzjonarja tiddikjara lil Victoria Said unikament responsabbli ghall-kollizjoni.

Dwar danni effettivi li gabret il-vettura ta' l-attur ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. Dak li ma rrizultax u dwarhom ma sarux ebda provi huma "danni ohrajn kawza ta' telf ta' uzu tal-vettura sakemm din damet titranga".

Tiddeciedi ghalhekk il-kawza billi tiddikjara l-attrici Victoria Said unikament responsabbli ghall-kollizjoni tal-25 ta' Frar 1999 li sehhet ghall-habta tal-hamsa neqsin kwart ta' wara nofsinhar (4.45pm) fi Vjal Tmienja ta'

Settembru, Xaghra, Ghawdex u tichad it-talbiet taghha bl-ispejjez kontra taghha.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur